**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA 6 TA' NOVEMBRU, 2001

**Numru: 7**

**Avviz Nru: 612/01 AE**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alfred Cachia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-Istess Alfred Cachia.**

**Vs**

**Antonia Sciberras.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz taghha ntalab li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tlett mija u ghoxrin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm320.37) jew ammont verjuri, danni sofferti mill-atturi

fl-incident awtomobilistiku tal-4 ta' Mejju 1999 fi Triq Hannibal P. Scicluna, Furjana bejn il-vettura numru CAC 326 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura LAB 659 misjuqa mill-attur.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenuta (fol. 9) li permezz taghha ddikjarat li t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-kollizzjoni sehhet minhabba tortijiet imputabbli lill-attur Alfred Cachia.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Semgha t-trattazzjoni ta' l-avukati difensuri.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Ottubru 2001 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra:

1. Il-meritu tal-kaz jitratta kollizzjoni li grat fl-4 ta' Mejju 1999 bejn il-vettura misjuqa mill-attur Alfred Cachia (numru LAB 659) u vettura misjuqa mill-konvenuta (numru CAC 326).

2. L-incident sehh gewwa Triq Hannibal P. Scicluna, Floriana *f'parking area*.

3. Jirrizulta li fil-hin ta' l-incident il-vettura misjuqa mill-konvenuta kienet hierga minn wiehed mill-*parking spaces*, filwaqt li l-vettura misjuqa mill-attur kienet ghadha kif harget mill-mina li hemm biswit u kienet tiela' t-telgha biex tohrog ghal fuq Triq l-Assedju l-Kbir.

4. Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2001 l-attur xehed: *"Ghandi nghid li jiena naqbel ma' l-isketch. Pero' sa fejn naf jien fit-triq ma hemmx dik il-wisa' li tidher fl-isketch"*. Huwa kompla jghid li *"sa fejn naf jien il-wisa' ta' din it-triq ma tippermettix li jghaddu zewg vetturi hdejn xulxin. Jekk jghaddu, jghaddu nkaxxati ma' xulxin"*. Min-naha l-ohra, mill-iskizz li gie redatt mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, jirrizulta li l-attur ma kienx qieghed isuq fuq in-naha tax-xellug tieghu u parti mill-vettura kienet qeghda tinstaq fil-karreggjata tal-vetturi li jkun dahlu fi Triq Hannibal Scicluna minn Triq l-Assedju l-Kbir. Tant hu hekk li fil-hin ta' l-incident il-vettura tal-konvenuta kienet ghadha ma hargitx kollha mill-*parking space*. Huwa minnu li fi Triq Hannibal Scicluna ikun hemm vetturi pparkjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, pero ghal parti l-kbira taghha jghaddu zewg karrozzi minn hdejn xulxin. Huwa minnu wkoll li fl-ahhar parti taghha t-triq tidjieq, pero' t-Tribunal m'ghandux provi li l-habta grat f'din il-parti tat-triq. Anzi fl-istatement li l-attur irrilaxxa lill-insurance dwar kif sehh l-incident (fol. 20) qal: *".... I suddenly saw this car in front of mine. It had just been driven out of its parking lot. I tried to break but hit the car at the moment of breaking.* ***I had no time to swerve****"*. Li kieku l-kollizzjoni grat fl-ahhar parti tat-triq l-attur ma setax qal dawn il-kliem peress li kien jispicca fil-karrozzi pparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu.

5. It-Tribunal jifhem li fil-hin ta' l-incident il-vettura Peugeot bin-numru LAB 659 u misjuqa mill-attur, ma kenitx ghaddejja b'velocita eccessiva. Dan meta wiehed jikkunsidra l-hsara li saret fuq din il-vettura (ara ritratti a fol. 28 tal-process). Mill-iskizz lanqas ma jirrizulta li l-vettura in kwistjoni halliet brejk marks. Jirrizulta wkoll li l-vetturi waqfu ma' l-impatt, sinjal ukoll dan ta' nuqqas ta' velocita

6. Min-naha tal-konvenuta hija kkonfermat li waqt li kienet hierga mill-*parking space*, semghet lil zewgha (li kien riekeb passiggier hdejha) ighajjat: *"ieqaf, ieqaf ghax dan ghal fuqna Jiena fil-pront waqaft. Irrid nghid illi meta ghajjat ir-ragel tieghi jiena harist fuq ix-xellug tieghi u xi metru u nofs il-boghod minna rajt il-vettura misjuqa mill-attur gejja ghal fuqna"*. Hija qablet ukoll ma' l-iskizz li sar mill-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz u kkonfermat li *"l-vettura misjuqa mill-attur kienet pjuttost maghfusa lejn in-naha taghna fis-sens illi kienet il-barra minn fejn kellu jghaddi"*. Philip Sciberras, ir-ragel tal-konvenuta, fix-xhieda li ta quddiem it-Tribunal ikkonferma li l-vettura misjuqa mill-attur ra qabel ma ratha l-konvenuta.

7. Huwa fatt li sewwieq ta' karrozza li jkun fuq in-naha l-hazina tat-triq mhux necessarjament ikun responsabbli ghall-kollizzjoni, jekk l-agir tieghu ma jkunx ta lok ghal dik il-kollizzjoni (Vol. XLVII.ii.966). Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Wisq Nobbli Markiz Anthony Cassar Desain** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Vol. XLVI.iv.765), *"hu veru li r-regolamenti tat-traffiku jippreskrivu*

*illi d-driver ta' karrozza ghandu jzomm max-xellug nett tat-triq; izda hu logiku li wiehed ma japplikax dak ir-regolament b'mod inflessibbli ghal kull xorta ta' lokalita; ghax jista' jkun hemm lokalitajiet li fihom ma hemmx bzonn li dak ir-regolament jigi osservat 'ad unguem'"*. Min-naha l-ohra huwa maghruf li bhala regola generali, *"the driver who is on the wrong side of the highway in violation of the rule of the road is generally the cause of the collision and therefore responsible for the damage sustained by the one driving on the proper side, provided the latter was exercising reasonable care"* (Gibb & Milner – *The Trial of Motor Car Accident Cases* – p. 64).

8. Is-sewwieqa ta' vetturi li jkunu hergin minn *parking space* ghandhom min-naha taghhom l-obbligu li qabel ma johorgu minn posthom jaccertaw ruhhom li jistghu johorgu bla hsara ghall-vetturi li jkunu ghaddejjin mit-triq. Min ikun ghaddej fit-triq ghandu l-obbligi tieghu, pero l-grad ta' diligenza li jinkombi fuq minn hiereg minn parking huwa magguri peress li bil-manuvra tieghu jkun qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku li jkun miexi ghad-dritt. Triq Hannibal Scicluna hija fid-dritt u tippermetti lil min ikun irid johrog mill-*parking* sabiex jaghmel hekk wara li jivverifika li ma kien gej hadd. Il-konvenuta tghid li qabel ma harget harset fid-direzzjoni tax-xellug u tal-lemin taghha u ma rat l-ebda traffiku gej. Mill-provi rrizulta pero' li kellu jkun ir-ragel tagha li attiralha l-attenzjoni ghall-vettura ta' l-attur gejja minn fuq in-naha tax-xellug taghha. Dan fil-fehma tat-Tribunal jindika li l-konvenuta ma kenitx qeghda zzomm *"a proper look out"* fil-manuvra li kienet qeghda taghmel. Huwa rilevanti dak li xehdet il-konvenuta: *"Qabel ma hrigt mill-parking space, jiena ttawwalt*

*kemm fuq in-naha tal-lemin tieghi kemm ukoll fuq in-naha tax-xellug.* ***Rajt li ma kienux gejjin vetturi u hrigt.*** *F'daqqa wahda smajt lir-ragel tieghi jghajjat….."* (seduta tat-30 ta' Ottubru 2001).

9. Huwa minnu li mill-provi li tressqu l-vettura misjuqa mill-attur kellha r-*"right of way"*. Pero' t-Tribunal ma jistax ma jaddebitax responsabbilta, una volta jirrizulta illi ma kienx qieghed isuq fuq in-naha tieghu tat-triq u ma ta ebda spjegazzjoni ghalfejn kien qieghed isuq b'din il-manjiera jew x'geghlu jsuq hekk.

10. It-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz qieghed jatribwixxi l-htija ghall-incident fuq l-attur u l-konvenuta f'sehem ugwali bejniethom.

11. Dwar il-valur tad-danni reklamati mill-atturi, il-konvenuta ma ressqet ebda kontestazzjoni. Skond il-*claims manager* tas-socjeta attrici, *"Alfred Cachia ma hallas ebda flus ghall-excess"* (xhieda moghtija fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 2001). Dan huwa wkoll kkonfermat mill-attur.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghar-ragunijiet fuq premessi qieghed jiddecidi billi jiddikjara lill-attur Alfred Cachia u lill-konvenuta t-tnejn responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh fl-4 ta' Mejju 1999 gewwa Triq Hannibal Scicluna, Floriana, f'sehem ugwali bejniethom u b'hekk jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u sittin lira Maltija (Lm160).

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri (skond dak li jipprovdi l-Artikolu 10 tal-Kap. 380) ghandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**